MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2011

Appell Civili - Ghawdex Numru. 82/2000/1

**Paul Buttigieg**

**vs**

**Anglu Saliba (Id no. 36737 (G) u martu Carmen Saliba (Id. no. 51446 (G) u ghall kull interess li jista' jkollu binha Mario Saliba (13371 (G).**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI</u>**

Rat li fit-22 ta' Gunju 2010, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Sede Inferjuri ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*'Il-Qorti,*

*Permezz ta' din il-kawza l-aturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenuti m'ghandhomx titolu fuq ir-raba' maghrufa bhala Ta' Pota sive Taz-Zebbiegh sive Ta' Santa Cecilja fix-Xewkija, Ghawdex tal-kejl ta' cirka tlett itmiem, li tikkonfina mill-punent ma' beni ta' Zakkarija Attard u Joseph Attard, lvant ma' beni ta' Louis Magro, u nofsinhar ma' Triq l-Imgarr, jew irjieh verjuri, u li qeghdin jokkupaw din ir-raba' bla titolu validu fil-ligi. Ghalhekk qeghdin jitolbu li jigu kundannati jizgumbraw minn din ir-raba'.*

*Permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet prezentata fil-15 ta' Frar 2001 (fol. 7) il-konvenuti eccepew li:-*

*1. Din il-kawza hi ta' natura petitorja u ghalhekk ma tistax tissokta qabel tigi deciza l-kawza fl-ismijiet: Carmen Saliba vs Paul Buttigieg (Citaz. 182/2000) li hi kawza possessorja.*

*2. Il-konvenuti qeghdin jokkupaw ir-raba' b'titolu ta' qbiela u ilhom jaghmlu hekk ghal madwar 20 sena.*

*3. Il-konvenuti huma rikonoxxuti li qeghdin jokkupaw l-art bi qbiela mid-Dipartiment tal-Artijiet.*

*Fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2009 il-konvenuti rrinunzjaw ghall-ewwel eccezzjoni (fol. 128) wara s-sentenza li nghatat is-27 ta' Novembru 2009 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Carmen Saliba et vs Paul Buttigieg*** *(fol. 120).*

*Il-fatti rilevanti huma s-segwenti:-*

*i. Skond l-informazzjoni li nghatat mill-Kurja, ir-raba' ta' Pota fiha kejl ta' tnax-il tomna u maqsuma bejn Pawlu Buttigieg u l-familja Magro. Kull parti thallas is-somma ta' hdax-il lira Maltija (Lm11) kull sena bhala qbiela.*

*ii. Din ir-raba' ghaddiet ghand il-Gvern, u l-ahhar hlas li rceviet il-Kurja minghand l-attur kien fl-10 ta' Marzu*

*1992 fis-somma ta' Lm11. L-attur kompla jhallas il-qbiela lill-Gvern (ara ricevuti a fol. 13). Jidher li l-ewwel darba li l-attur hallas il-qbiela kien ghas-sena 1980 (ara ricevuta 25 ta' Awwissu 1980 a fol. 13). Ir-ricevuti 1978 u 1979 hargu f'isem Guzepp Buttigieg (il-missier). Mir-ricevuti esebiti, li jirreferu ghas-snin 1977 sa Awwissu 2001, jirrizulta li kull sena thallset is-somma ta' Lm11.*

*iii. Ir-rapprezentant tal-Kurja pprezenta dokument (fol. 28) datat **29 ta' Marzu 1979** fejn jinghad li Guzepp Buttigieg (missier l-attur u l-konvenuta Carmen Saliba) ddikjara li b'effett mill-15 ta' Awwissu 1978 ser johrog mir-raba' ta' Pota ".... tal-kejl ta' 4 titmiem li tinsab ghandi bi qbiela ta' Lm11.00,0 fis-sena, li jithallsu b'lura fil-15 ta' Awwissu ta' kull sena.....". Fejn kellha ssir il-firma hemm salib u jinghad li hu sinjal li ghamel Guzepp Buttigieg u hdejha hemm firma ta' xi hadd Vella bhala xhud.*

iv. *Fl-24 ta' Novembru 2000 il-konvenuti konjugi Saliba ipprezentaw applikazzjoni taht l-iskema biex tinghata qbiela fuq art agrikola tal-Gvern (fol. 43). Fid-dokument jinghad li: "Din l-applikazzjoni tista' issir kemm fejn sal-lum ma tithallas l-ebda qbiela lill-Gvern kif ukoll f'dawk il-kazijiet fejn diga' tithallas qbiela lid-Dipartiment tal-Artijiet jew lill-Ufficcju Kongunt."*. *Gie wkoll iddikjarat li ma jhallsux qbiela lill-Ufficcju Kongunt jew Dipartiment tal-Artijiet. L-attur oggezzjona ghal din l-applikazzjoni permezz ta' ittra datata 2 ta' Dicembru 2002 (fol. 147). F'affidavit li ghamlet fis-17 ta' Ottubru 2000 u anness mal-istess applikazzjoni, il-konvenuta ddikjarat li kienet ilha tokkupa r-raba in kwistjoni ghal ghoxrin sena; "Dan ir-raba hdimtu regolarment tul dawn is-snin kollha. Ir-raba fl-antik kien jghajjat lil missieri illi illum miet. F'hajjtu missier kien qalli sabiex nahdmu jien u hekk ghamilt. Wara li miet bqajt nahdmu jien u sal-lum dejjem hdimtu. Ir-raba naf li kien ihallsu missieri u f'hajjtu dejjem tajtu l-hlas tal-qbiela li kien ihallas. Wara mewtu bdejt intihom lil ommi."* (fol. 50).

*v. Fl-applikazzjoni li saret lill-Kummissarju tal-Artijiet fl-24 ta' Novembru 2000, il-konjugi Saliba ddikjaraw li kienu ilhom jahdmu r-raba' ghal ghoxrin (20) sena, cjoe' mill-1980. F'affidavit datat 21 ta' Ottubru 2002 (fol. 56)*

*Carmen Saliba qalet li:-“Din l-art ilha f’idejha ghal madwar tnejn u u ghoxrin (22) jew tlieta u ghoxrin (23) sena.”. F’affidavit datat 28 ta’ Mejju 2002 (fol. 72) Angelu Saliba qal:- “Din l-art gejja min-naha tal-mara. Kien ghaddijielna missier il-mara tnejn u ghoxrin sena ilu meta hu ma baqax jahdimha ghax kien ghadda bord.” (fol. 72).*

*vi. Carmen u Angelo konjugi Saliba qalu li Guzepp Buttigieg miet fl-1991.*

*vii. Il-konjugi Saliba jsostnu li minn meta bdew jahdmu r-raba’ bdew ihallsu, lil Guzepp Buttigieg, kull sena s-somma ta’ tletin lira Maltija (Lm30) bhala qbiela. Hlas li jsostnu li kien isir fuq talba ta’ Guzepp Buttigieg, u li kien qieghed isir kemm fir-rigward tar-raba’ meritu tal-kawza u porzjon raba’ ohra maghrufa Ta’ Marziena fil-limiti tal-Munxar. Ricevuti ta’ hlas m’ghandhomx.*

*Jibda biex jinghad li waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-konvenuti argumenta li l-atturi ma jistghu qatt jirnexxu fil-kawza ghaliex fl-avviz jinghad li r-raba’ fiha kejl ta’ cirka tlett (3) itmiem filwaqt li fir-realta’ fiha kejl ta’ sitt (6) itmiem, u ma identifikawx minn liema parti tar-raba’ ta’ Pota jridu li l-konvenuti jigu zgumbrati. Il-qorti ma taqbilx. Hu minnu li l-attur jaf li r-raba’ fiha kejl ta’ sitt itmiem (ara deposizzjoni moghtija fis-seduta tas-7 ta’ Frar 2002 [fol. 10]). Pero’ fl-ebda stadju ma qal li kien qieghed jikri parti biss mir-raba’. Mill-bidunett tal-kawza kien maghruf li t-talba kienet tolqot ir-raba’ kollha li jiddetjenu l-konvenuti, u mhux limitat ghal xi parti biss. Tant hu hekk li fin-nota tal-eccezzjonijiet ma nghatat l-ebda eccezzjoni f’dan ir-rigward. Rilevanti wkoll li wkoll fil-kawza ta’ spoll fl-ismijiet* ***Carmen Saliba et vs Paul Buttigieg*** *(Citaz. numru: 182/2000) li kienet tittratta r-raba’ meritu ta’ din il-kawza u fejn Saliba ddikjaraw li r-raba’ fiha kejl ta’ cirka 6,356 metri kwadri, Paul Buttigieg wiegeb li ghalkemm ir-raba’ kienet fil-pussess tal-atturi jew min minnhom, “.... dan il-pussess huwa wiehed bhala* (recte, bla) *ebda dritt u qieghed fi proceduri separati jitlob ir-ripresa tal-pussess ta’ din l-istess raba’ minghand l-istess atturi.”. Ghalhekk ma jistax isir argument, kif ipprova jaghmel id-difensur tal-konvenuti, li fil-bidu ta’ din il-kawza l-attur kellu pretensjoni*

*biss fuq tlett itmiem raba' u kien fil-kors tas-smiegh tal-provi li estenda l-pretensjoni tieghu fuq ir-raba' kollha ta' Pota.*

*M'hemmx dubju li nghataw verzjonijiet konfliggenti dwar jekk il-konjugi Saliba kienux qeghdin ihallsu xi flus lil Guzepp Buttigieg minn meta dahlu jokkupaw ir-raba' in kwistjoni. Hemm ukoll incertezza dwar is-sena meta Saliba dahlu u bdew jahdmu f'din ir-raba'* (*F'dan il-kuntest ara wkoll deposizzjoni ta' Francis u Emanuel ahwa Buttigieg li nghatat fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2010 (fol. 163 u fol.158 rispettivament) li jsostnu li qalu li kienu ghamlu xi erbgha snin jahdmu din ir-raba' u li l-konvenuti dahlu fiha fl-1984).*

*Fil-fehma tal-qorti l-ezitu tal-vertenza jiddependi dwar jekk kienx* ***hemm rinunzja tal-kirja min-naha tal-inkwilin Guzepp Buttigieg favur is-sid****. Irrispettivament dwar jekk is-salib li jidher fid-dokument a fol. 28 sarx minn Guzepp Buttigieg (ara Artikolu 634 tal-Kap. 12) (dan il-provediment jipprovdi ghal regoli dwar il-provi fuq sinjali b'salib flok firem) li jsostnu li qalu li kienu ghamlu xi erbghin sena jahdmu din ir-raba' u l-konvenuti dahli fiha fl-1984), fatt li ma giex kontestat mill-konvenuti, jirrizulta li l-ahhar darba li Guzepp Buttigieg kien hallas il-qbiela kien ghas-sena 1979. Ghalkemm hu minnu li l-iskrittura ta' kirja bejn l-attur u s-sid (fol. 27) hi ffirmata biss mill-attur, madankollu minn provi ohra jirrizulta li l-Kurja kienet tatu l-kirja tar-raba' in kwistjoni. Tant hu hekk li:-*

*a. B'sehh mill-1980 il-hlas beda jsir mill-attur, tant hu hekk li l-ircevuti bdew u baqghu jinhargu f'ismu;*

*b. Mir-records stess tal-Kurja kien jirrizulta li l-attur hu l-inkwilin tar-raba' (ara dokument a fol. 26). Is-Segretarju Amministrattiv tal-Kurja, Dun Karm Curmi, xehed fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2002 u kkonferma li l-inkwilin kien l-attur u li l-ahhar li rcevew pagament kien fis-sena 1992 meta il-proprjeta ghaddiet ghand l-Ufficcju Kongunt (fol. 24).*

*c. Mill-formola "Dettalji dwar Proprjeta Immobbli Ekklezjastika Mghoddija lill-Istat ta' Malta Permezz ta' Ftehim Ratifikat fit-18 ta' Frar 1993" (fol. 152) li ntbaghatet mill-Kurja lill-Ufficcju Kongunt, jirrizulta li l-inkwilin hu l-attur.*

*Ma jirrizultax li min-naha ta' Guzepp Buttigieg kien hemm xi protesti jew li kien offra l-hlas tal-qbiela lis-sid u li dan irrifjuta u Buttigieg ghamel depozitu tal-qbiela fil-qorti. Mill-atti lanqas ma jirrizulta li l-konvenuti kkontestaw li fir-realta' Guzepp Buttigieg kien irrinunzja ghall-kirja. Carmen Saliba spjegat: "Ricentement meta hija Pawlu l-attur beda jivvanta drittijiet fuq din l-art, mort il-kurja niccekja jekk missieri kienx dawwar ir-raba'. Sibt li fid-29 ta' Awissu 1979 missieri kien ceda r-raba lil Kurja." (fol. 57). Fis-sentenza* ***Henry Tabone vs Hilda Demajo*** *deciza mill-Qorti tal-Appell (Imhallef P. Sciberras) fil-21 ta' Mejju 2010 gie konfermat li:-*

*i. Rinunzja ta' kirja m'hemmx ghalfejn issir bil-miktub;*

*ii. Mill-mument tar-rinunzja l-inkwilin hu detentur bla titolu;*

*Ghalkemm dak il-kaz kien jittratta dwar kirja ta' dar, il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn l-istess ragunament m'ghandux japplika fil-kaz ta' kirja ta' porzjon raba'.*

*Irrispettivament jekk il-konjugi Saliba kienux qeghdin ihallsu xi qbiela lil Guzepp Buttigieg, kwistjoni li dwarha nghataw verzjonijiet konfliggenti (ara disposizzjoni ta' Giuseppa Buttigieg fit-23 ta' Ottubru 2001 (fol. 15), hekk kif Guzepp Buttigieg irrinunzja ghal kirja ma kienx baqghalu titolu. Waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-konvenuti spjega li Guzepp Buttigieg kien ceda lura lill-Kurja l-kirja fir-rigward ta' erbat (4) itmiem biss minn din ir-raba', peress li dan hu l-kejl li jissemma fl-iskrittura li fuqha Guzepp Buttigieg ghamel sinjal (fol. 28). Il-qorti ma taqbilx u hi moralment konvinta li kien irrinunzja ghall-kirja tar-raba' kollu. Mill-atti jirrizulta li Guzepp Buttigieg kien ihallas lis-sid kera fl-ammont ta' Lm11 ghar-raba' kollha ta'*

*Pota li kienet imqabbla ghandu. Fil-fatt fid-dokument relattiv jinghad li r-raba' ".... maghruf bhala ta' Pota sive Zebbieh, fil-limiti ta' Xekwija, tal-kejl ta' 4 titmiem li* ***tinsab ghandi bi qbiela ta' Lm11.00,0 fis-sena****, li jithallsu b'lura fil-15 t'Awwissu ta' kull sena......". Il-fatt li tissemma s-somma ta' Lm11 hi fiha nnifisha prova li l-intenzjoni wara r-rinunzja kienet fir-rigward tar-raba' kollha u mhux biss xi parti minnha. Tant dan hu minnu li Guzepp Buttigieg ma komplix ihallas il-qbiela jew xi parti minnha, f'ismu.*

*F'dan ix-xenarju anke jekk ghall-grazzja tal-argument bejn il-konjugi Saliba u Guzepp Buttigieg kien sar xi ftehim ta' sullokazzjoni (qieghed jinghad hekk ghaliex il-konjugi Saliba hekk taw x'jifhem. Per ezempju Carmen Saliba qalet li kienet thallas Lm30 ghal zewg porzonijiet raba', li tinkludi ta' Pota, u missierha kien jerga' jhallas lill-Kurja u l-qbiela li kien hallas kienet " ......ferm minn dak li kont intih jien" (fol. 56) u kienu qeghdin ihallsuh xi qbiela, l-effett tar-rinunzja hu li dik is-sullokazzjoni spiccat; "La darba jispicca t-titolu ta' inkwilin jispicca wkoll it-titolu derivattiv bhala subinkwilin mhux rikonoxxut mis-sid. Dan in omagg ghal principju "cessante jure dantis cessat jus adquirentis"" –* ***Cecil Pace –vs- Nutar Vincent Maria Pellegrini****", Appell Civili, 19 ta' Ottubru 1962; "***Gulab Chatlani –vs- George Grixti***", Appell, Kummerc, 2 ta' Dicembru 1991." (***Patri Gulju Bonnici nomine vs Raymond Mifsud et*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar 2003). Jekk min-naha l-ohra wiehed kellu jikkonkludi li sar xi ftehim bejn Guzepp Buttigieg u l-konvenuti Saliba wara li Guzepp Buttigieg irrinunzja ghall-kirja, tali ftehim ma kellu ebda rabta ghaliex sar meta Guzepp Buttigieg ma kienx ghadu inkwilin tar-raba' meritu tal-kawza. Lanqas ma jirrizulta li l-attur kien inkariga lill-missieru sabiex bhala mandatarju tieghu jaghti r-raba' b'sullokazzjoni lill-konvenuti konjugi Saliba. Fir-rigward tal-konvenut Mario Saliba ma jirrizultax li qatt ghamel xi ftehim dwar ir-raba' meritu ta' din il-kawza.*

*Dan kollu jfisser li thares minn fejn thares, il-konvenuti m'ghandhomx dritt personali ta' inkwilinat fuq ir-raba' ta' Pota. Fil-kawza* ***Joseph Zamit –vs- Joseph Hili****, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju 1953 (***Vol XXXVII pl***

***p577**) gie osservat: "ma hux dubitat li r-regola generali hi li l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah – "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat". L-attur qieghed jghid li l-fond hu detenut prekarjament mill-konvenut, u kwindi jista' jidher "prima facie" li l-piz tal-prova ta' l-allegazzjoni tieghu, dik cjoe tal-prekarjeta`, hu mixhut fuq l-attur. Izda spiss jigri illi waqt li l-kawza tkun miexja l-piz tal-prova jghaddi fuq il-parti l-ohra, ghax jista' jkun gie stabbilit fatt li juri "prima facie" li t-tezi tal-attur hi sostenuta". Gialadarba l-konvenuti ma tawx prova li qeghdin jiddetjenu r-raba' b'kirja, jfisser li d-difiza taghhom ma tistax tirnexxi u t-talba tal-attur ghandha tigi milqugha.*

***Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti qeghda tilqa' t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jizgumbraw mir-raba' maghrufa bhala Ta' Pota fi zmien sittin (60) gurnata mil-lum. Spejjez, inkluzi dawk relatati mal-ittra ufficjali prezentata fis-17 ta' Ottubru 2000, huma a karigu tal-konvenuti".***

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti Saliba datat 12 ta' Lulju 2010 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi talbu lill din il-Qorti sabiex tannulla, thassar u tirrekova s-sentenza appellata, bl-ispejjez kollha kontra l-attur ghar-ragunijiet hemm premessi.

Rat ir-risposta tal-intimat Paul Buttigieg datata 7 ta' Marzu 2011 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha, prevja c-cahda ta' l-appell interpost mill-konvenuti, tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-Gimgha, 8 ta' April 2011. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz, u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-15 ta' Gunju 2011.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi jirrizulta li l-appell minn din is-sentenza huwa msejjes fuq zewgt punti u cjoe' (1) li l-Qorti fid-decizjoni taghha marret *"ultra petite"* ghaliex iddeciedit fuq sitt itmiem raba' meta t-talba kienet ghall-tlett itmien raba'; (b) li l-Qorti ghamlet apprezzament tal-provi zbaljat ghaliex l-att ta' rinunzja ta' Guzepp Buttigieg datat 29 ta' Marzu 1979 ma sarx skond kif rikjest mill-**artikolu 634 (2) tal-Kap. 16;** (2) li l-att li permezz tieghu l-attur inghata l-koncessjoni lokatizija tar-raba' mertu tal-kawza m'huwiex datat; (3) jirrizulta wkoll mir-ricevuti ghall hlas tal-qbiela li Guzepp Buttigieg hallas ta' lanqas qbiela wahda wara li kien irrinunzja ghall-istess u dan kif jirrizulta mir-ricevuta datata 20 ta' Awissu 1979 u cjoe' hames xhur wara l-allegata rinunzja.

Illi l-appellat laqa' ghall dan billi sostna li (1) dwar l-ewwel aggravju kien jidher car li l-talba kienet tikkoncerna l-ghalqa kollha u mhux parti minnha, u dan apparti li dak li llum qed jigi solevat qatt ma tqajjem per via di eccezzjoni quddiem l-ewwel Qorti (**"Angela Galea et vs Grazio Borg et"** – A.C. 1 ta' Gunju 2007); (2) dwar it-tieni aggravju li sostanzjalment huwa ilment dwar l-apprezzament ta' provi li ghamlet l-Ewwel Qorti nghad li jidher li l-konvinciment tal-Qorti ma sarx fuq prova wahda, izda fuq l-assjem tal-provi u fuq dak li lmenta minnu l-appellanti jirrizulta li (a) li r-rinunzja ma hemmx bzonn li ssir bil-miktub u l-ahhar kera li thallset kienet fin-1979; (b) mis-sena 1980 il-hlas tal-kera beda jsir mill-attur, tant li r-ricevuti hargu f'ismu; (c) mir-rekords tal-Kurja jirrizulta li l-attur appellat kien l-inkwilin; (d) ma kien hemm ebda vertenza bejn l-partijiet fuq din ir-raba' u kirja; (c) mhux normali li Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzament ta' provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti hlief ghar-ragunijiet gravi u serji (**"Joseph Grech Sant nomine vs L-Avukat Riccardo Farrugia et nomine"** (A.C. – 28 ta' Frar 1997); **"Carmelo Agius vs John Agius"** (A.I.C. – 2 ta' Dicembru 1994) u ghalhekk l-appell ghandu jigi michud.

Illi dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti thoss li mill-atti tal-kawza, nkluz l-avviz tal-istess jirrizulta bla ebda dubju ta' xejn li l-mertu tal-kawza u tat-talba attrici kienet ir-raba' mahghrufa bhala "Ta Pota" sive taz-Zebbiegh" sive "Ta' Santa Cecilja' fix-Xewkija, tant li l-istess appellanti qatt ma qajjmu xi eccezzjoni fis-sens li t-talba kienet tirreferi biss ghall xi parti mill-istess raba' haga li qajmu issa l-appellanti, li ovvjament ma qajjmux formalment fl-Ewwel Istanza, u allura bhala Qorti ta' Revizzjoni, din il-Qorti ma tistax tiehu tali aggravju bhala mibni fuq xi bazi soda jew legali.

Illi jinghad ukoll li l-konvenuti stess fehmu kull darba li xehdu li l-kwistjoni kienet titratta dwar l-art kollha u mhux parti minnha tant li per ezempju l-konvenut Anglu Saliba xehed fl-4 ta' Frar 2010 li *"ir-raba' fiha mas-sitt (6) itmiem bhal kejl…"* u xhieda kollha kienet titratta dwar ir-raba' kollha nkluz is-sentenza ta' spoll li kien hemm bejn il-partijiet fl-ismijiet **"Carmen Saliba et vs Paul Buttigieg"** (A.C. – 27 ta' Novembru 2009), li ghaliha saret riferenza mill-konvenuti fin-nota ta' eccezzjonijiet taghhom ghall din il-kawza, u li kopja taghha giet esebita f'dawn l-atti permezz ta' nota attrici datata 3 ta' Dicembru 2009, kienet ukoll titratta dwar l-istess raba' kollha u mhux parti minnha, b'dan li mill-atti processwali kollha jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju li din il-kawza kienet tirreferi ghall-estensjoni ta' raba' hekk denominata, u mhux ghall parti minnha. Jinghad li dan il-punt qam biss fit-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenuti, kif tghid is-sentenza stess, u apparti li l-Qorti hija tenuta li tiehu in konsiderazzjoni biss ecccezzjonijiet li jitqajmu biss kif preskritt mill-ligi b'nota ta' eccezzzjoni relattiva, anke skond kif deciz diversi drabi mill-gurisprudenza nostrali nkluz dik citata mill-appellat, din il-Qorti thoss li s-sentenza appellate trattat u investit sew dan il-punt, u mill-provi kollha prodotti, mhux l-inqas ix-xhieda kollha tal-konvenuti, nkluza dik imsemmija u dik tal-konvenut Angelo Saliba datata 28 ta' Mejju 2002 (fol. 72) u tal-konvenuta Carmen Saliba tal-21 ta' Ottubru 2001 (fol. 56) jirrizulta car li li l-kawza kienet dwar ir-raba kollha, u mhux parti minnha, u x-xhieda tal-konvenuti stess kienet hekk tirreferi tant li ghamlu riferenza anke ghall kejl tal-

istess li huwa skond huma ta' circa hames t-itmiem. Minn kif formulat l-avviz ma hemmx dubju li l-mertu tal-kawza kienet ir-raba' hemm indikata u allura l-corpus stess u intier u mhux parti minnha u d-decizjoni inghatata fuq dan il-punt u allura certament li ma hijiex kwistjoni li l-Ewwel Qorti ddecidiet *ultra petita.* Di piu' jinghad li tali eccezzjoni qatt ma tqajjmet formalment mill-konvenuti fl-ewwel istanza u hawn japplika dak li inghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Angela Galea et vs Grazio Borg et"** (A.C. - 1 ta' Gunju 2007) iccatata mill-appellat fejn inghad li l-eccezzjonijiet li ghandhom jigu kkonsidrati mill-Qorti huma dawk li jigu formalment imqajjma fin-nota ta' nota ta' eccezzjonijiet jew risposta guramentata u mhux f'xi nota ta' osservazzjonijiet jew bhal dan il-kaz f'xi trattazzjoni. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li dan huwa effettivament ilment dwar l-apprezzament ta' provi jew il-mod kif l-istess Qorti uzat id-diskrezzjoni taghha dwar l-ezami tal-provi sabiex waslet ghad-decizjoni li tilqa' t-talba attrici u hawn in-norma hija li din il-Qorti, bhala Qorti tal-Appell mhux normali li tiddisturba dan l-apprezzament hlief meta dan ikun manifestament zbaljat u/jew ghar-ragunijiet gravi, b'mod li jkun jista' jinghad li a bazi tal-provi prodotti, l-Ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha, b'dan li tkun ser issir ingustizzja lejn il-partijiet fil-kawza.

Illi minn qari tal-atti processwali, u mis-sentenza moghtija, certament li dan ma huwiex il-kaz ghaliex l-Ewwel Qorti, b'mod mill-iktar car, spjegattiv, u ammirabbli immotivat kif suppost is-sentenza taghha u dan kollu fuq l-provi, xhieda u dokumenti quddiema, inkluz ir-rinunzja ta' kera li saret minn Guzepp Buttigieg, l-ircevuti ta' kera li hargu mis-Sid favur l-attur, minn dak li rrizulta bhala fatt mill-provi prodotti, mhux l-inqas minn dak li stabilit mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet gja citati **"Carmen Saliba et vs Paul Buttigieg"** (A.C. – 27 ta' Novembru 2009) inkluz dawk elenkati f'paragrafu 6 (i) sa (x) tal-istess (pagna 9 sa 11) u allura din il-Qorti thoss li l-appell fuq dan il-punt ma jregghiex, u qed jigi michud ghaliex infondat u bla ebda bazi.

Illi ghall kompletezza jinghad li huwa principju ben stabilit li r-rinunzja ta’ kera ma hemmx bzonn li ssir bil-miktub **(“Henry Tabone vs Hilda Demajo”** – A.I.C. (PS) – 21 ta’ Mejju 2010), u allura jekk kien hemm xi nuqqas ta’ formalita’ fid-dokument a fol. 28 tal-process, xorta wahda l-Ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzzjoni li saret rinunzja tal-kera da parte ta’ Guzepp Farrugia, u fil-fatt mix-xhieda tal-Kurja jirrizulta li l-istess Guzepp Farrugia kien effettivament irrinunzja ghall-kera tal-istess raba’, tant li l-Kurja bhala sid sussegwentement kienet irrikonnoxiet lill-attur bhala l-kerrej, u r-ricevuti relattivi bdew jinhargu favur tieghu almenu mis-sena 1980 kif indikat fis-sentenza hawn mertu ta’ dan l-appell u hawn issir riferenza ghall paragrafi (a) (b) u (c) f’pagna 4 u 5 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, u l-fatt ukoll li l-konvenuti qatt ma kkontestaw li tali salib fuq id-dikjarazzjoni ta’ rinunzja attribwiet lill Guzepp Buttigieg, fil-fatt ma kienx tieghu.

Illi dwar il-punti l-ohra jirrizulta b’mod mill-iktar car li l-provi kollha dokumentarji, nkluz l-koncessjoni ta’ kera, u l-ircevuti relattivi ta’ kera fuq ir-raba’ de quo mahruga mis-Sidien tal-istess art dejjem irrikonoxxew lill-attur bhala nkilin tal-istess art, fil-waqt li minn naha l-ohra l-konvenuti naqqsu li jippruvaw li huma ghandhom xi titolu ta’ kera jew qbiela fuq l-istess art, oneru li kien jinkombi fuqhom ghaliex hekk vantat u allegat minnhom. Fil-verita’ mhux biss ma sarx dan izda jirrizulta li l-prova li saret kienet li l-attur huwa l-kerrej tal-istess raba’ u ghalhekk anke dan l-aggravvju qed jigi michud.

Illi ghalhekk l-appell interpost mill-appellanti qed jigi michud ghaliex infondat fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appellati datat 7 ta’ Marzu 2010 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti datat 12 ta’ Lulju 2010** ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-

dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri datata 22 ta' Gunju 2010 fl-ismijiet premessi **"Paul Buttigieg vs Anglu Saliba et"** (Avv.Nru. 82/2000AE) , b'dan li ghall fini ta' zgumbrament tal-konvenuti appellanti mill-istess raba' din il-Qorti qed tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Anglu Saliba et.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------